MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-23 ta' April, 2008

Avviz Numru. 554/2005

**S & R Handaq Limited**

**Vs**

**Tabib Principali tal-Gvern in rapprezentanza ta' Healthcare Procurement and Supplies Services**

**Il-Qorti:-**

Rat illi s-socjeta attrici pprezentat avviz fir-Registru ta' din il-Qorti u talbet lil din il-Qorti sabiex tikkundanna lill-konvenuti jhallsuha s-somma ta' elfejn sitt mija u tmienja u disghin lira Maltija w erba' centezmi (LM2,698.04), bilanc minn somma akbar, prezz ta' IPA ISOPROPYL B.P lilhom ikkonsenjata fuq ordni taghhom kif jirrizulta mill-*invoices* annessi u markati bhala dokumenti 'A' u 'B' u l-i*statement* immarkat bhala Dok. 'C'.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittri ufficcjali tas-sebgha w ghoxrin (27) ta’ Lulju 2004 u tal-wiehed w ghoxrin (21) t’April 2003 (Dokumenti ‘D’ u ‘E’) kif ukoll bl-imghax legali sal pagament effettiv, kontra l-konvenuti li baqghu ngunti ‘n subizzjoni.

Rat id-dokumenti kollha esebiti mal-avviz.

Rat in-nota t’eccezzjonijiet tat-Tabib Principali tal-Gvern kif ipprezentata fl-atti nhar it-tnax (12) ta’ Jannar 2006 fejn eccepixxa s-segwenti:-

Illi preliminarjament il-konvenuta ndikat fl-avviz li ma hix il-legittimu kontradittur stante li hija biss Direttur fid-Dipartiment tas-Sahha u r-rapprezentanza guridika tad-Dipartiment tas-Sahha hija fdata f’idejn it-Tabib Principali tal-Gvern u dan ai termini ta’ l-Artikolu 181B tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta w ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi subordinament u minghajr pregudizzju ghal premess, is-somma t’elfejn sitt mija tmienja u disghin lira u erba’ centezmi (LM2,698.04) ma hix dovuta, stante li l-prodott fornut mis-socjeta attrici ma kienx tal-kwalita pretiza u rikjesta mill-konvenut.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat ir-rikors tas-socjeta attrici fejn talbet korrezzjoni fl-okkju tal-kawza fis-sens li l-isem Direttrici Heathcare Procurement and Supplies Services tigi sostitwita bl-isem “It-Tabib Principali tal-Gvern in rapprezentanza ta’ Healthcare Procurement and Supplies Services.”

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti diversament preseduta ta’ nhar il-hdax (11) ta’ Mejju 2006 fejn laqghet it-talba attrici w ordnat il-korrezzjoni kif mitluba fl-avviz.

Illi ghalhekk, in vista ta’ din il-korrezzjoni li saret fl-okkju tal-kawza, l-mertu ta’ l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti llum jinsab sorvolat ghaliex il-konvenuti huma rapprezentanti mit-Tabib Principali tal-Gvern in linea ma

dak li jiddisponi l-artikolu 181B tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi nhar it-tmienja (8) ta' Novembru 2006 xehdet **Claire Said** in rapprezentanza tas-socjeta attrici u spjegat li hija ilha tiehu hsieb is-*sales* tas-socjeta attrici ghal dawn l-ahhar hdax-il sena. Stqarret li huma jbieghu diversi prodotti ta' kimika w oggetti ohra relatati ma sptarijiet, kemm lill-awtoritajiet ta' l-isptarijiet kif ukoll lil min ikollu bzonn dawn il-prodotti.

Fis-sena 1997 is-socjeta attrici kienet tefghet *tender* li kienet tikkoncerna il-biegh ta' Iso Propel Alcohol lil Government Pharmaceuticals Services u fil-fatt kienu rebhu it-*tender*. Kien miftiehem li huma kellhom jikkonsenjaw dan il-prodott fuq medda ta' tlett snin. Spjegat li 'n segwitu kienu mpurtaw dan il-prodott proprju ghal Gvern u kienu jikkonsenjaw dan il-prodott lil Gvern kull meta kienu jircievu ordni bil-miktub li tindika in-numru ta' litri li kellhom bzonn. Hija esebiet bhala dokumenti CS 1 u CS 2, kopji ta' *confirmation order* spedita lilhom biex jaghmlu wahda minn dawn il-konsenji. Qalet li ma kull konsenja, kienu jghatu certifikat ta' awtenticita mahrug mill-Universita ta' Malta u fil-fatt esebiet kopja ta' wiehed minn dawn ic-certifikati li gie mmarkat bhala Dok. CS 3. Minghand il-konvenuti kienu jiehdu l-firma fuq id-*delivery note* ta' min kien jircievi l-prodott. Il-hlas kien isir kif isir normament ma kull dipartiment tal-gvern, ghaliex kienu jircevuh wara xi telefonata minghandhom u kienu jircievu c-cekk xi tletin jew sittin gurnata wara li tkun saret il-konsenja.

F'Dicembru 1998 kienet irceviet telefonata minghand il-konvenuti fejn il-persuna kienet qed tilmenta mill-kwalita tal-prodott w ghalhekk infurmatha li ma kienitx ser thallas. Spjegalha li kien sab xi *particles* fil-prodott konsenjat. Hija kkonfermat li din il-konsenja kienet akkompanjata minn certifikat mahrug mill-Universita ta' Malta dwar l-awtenticita tal-prodott konsenjat u fil-fatt esebiet kopja ta' dan ic-certifikat li gie mmarkat bhala Dok. CS 4.

In segwitu tispjega li d-Direttur tas-socjeta attrici kien mar ghand il-konvenuti sabiex jinvestiga ulterjorment dan l-ilment u sab li l-konvenuti kienu qed izommu dawn il-prodotti f'post bla twieqi ossia bi twieqi mkissrin li kien accessibli ghal kulhadd anke ghal annimali u meta raw x'kien qed jigri, hadu l-prodott kollu li kienu kkonsenjaw biex minflok hallewh f'*containers* tal-landa, ghamluh f'*containers* tal-plastik, li huma *containers* aktar sikuri minhabba l-post fejn kienu qed jigu mahzuna. Qalet li l-plastik ma jissaddatx filwaqt li l-laned jissaddu. Qalet li l-prodott kien ukoll espost ghax-xita. Fil-fatt qalet li wara li hadu dawn il-mizuri, l-konvenuti regghu bdew jiehdu l-prodott minghandhom izda rega' qam l-istess ilment. Id-Direttur rega' mar jinvestiga u sab li l-konvenuti ma kienux qed ihallu il-podott fil-kontenituri li kienu pprovdew, izda kienu qed jifthu l-*jerrycans* u ipoggu l-prodott f'kontenituri taghhom. Ghalhekk qalet li una volta l-prodott taghhom jigi miftuh ma jibqghux responsabbli ghal dak li jigri wara li l-prodott jitpogga f'kontenitur iehor.

Spjegat li dan il-prodott jintuza sabiex jitnadfu l-ghodod li juzaw is-*surgeons* fl-operazzjonijiet u anke id-dentisti ghax-xoghol taghhom. Qalet li tlett kwarti tad-dentista li hawn Malta jixtru dan il-prodott minghandhom, u qatt ma ilmentaw maghhom fuqu.

Qalet li l-konevnuti kienu talbuha sabiex tiehu lura l-prodott w huma irrifjutaw li jghamlu dan ghaliex kienu tal-fehma li l-prodott taghhom kien wiehed genwin. In fatti sostniet li sakemm xehdet hi, l-prodott ma giex irtirat minnhom w ghadhom m'ircevew l-ebda hlas dwaru. Ikkonfermat li l-*invoices* in kwistjoni mertu tal-kawza huma dawk esbiti a fol. 2 u 3 tal-process fl-ammont komplessiv ta' LM.2,698.03 oltre is-somma ta' LM38.73 centezmi ghal xi *replacements* li kienu ghamlu.

Ikkonkludiet u qalet li xi tlet sin u nofs qabel ma xehdet id-Direttur tas-socjeta attrici Gregory Brincat kien zamm laqgha mad-Dipartiment tal-Gvern dwar din il-kwistjoni sabiex jipprovaw jaslu ghal xi arrangjament sabiex jircievu l-hlas, izda ghalkemm ir-rapprezentant tal-Gvern kien

ippromettilhom li kien ser jeffettwa il-hlas, dan ma rcevewh qatt.

**Gregory Brincat** Direttur tas-socjeta attrici xehed nhar id-disgha w ghoxrin (29) ta' Marzu 2007 u qal li fost affarijiet ohra hu jiehu hsieb it-*tenders* li johorgu ghas-suq lokali. Huwa gie muri zewg *invoices* li jinsabu nseriti a fol. 2 u 3 tal-process u *statement of accounts* esebit a fol. 4 tal-atti w ikkonferma li dawn jirriflettu l-hlas li s-socjeta attrici qed titlob minghand il-konvenuti ghaliex l-ammont hemm indikat kien ghadu pendenti.

Spjega li kienet harget *tender* ghal sittin elf litru ta' *solvent* IPA li jintuza fl-isptarijiet w is-socjeta tieghu kienet giet mghotija din it-*tender*.  Huma bdew jissuplixxu lill-konvenut b'dan is-*solvent* fis-sena 1997 u bi qbil, kienu fthiemu li din il-konsenja kellha tigi mghotija lilu fi tlett *batches.* Kien ghalhekk li l-konsenja giet moghtija lilhom b'dan il-mod. Sussegwentement ighid li kienu qed jircievu xi lmenti li l-prodott kellu xi hmieg. Huma ccekkjaw mal-Quality Controller taghhhom il-prodott u dan ikkonfermalhom li kien tajjeb.  Ghalhekk kienu talbu lid-Dipartiment tal-Universita sabiex jaghmlu xi kontrolli fuqu w irrizultalhom ukoll li l-prodott kien ta' kwalita tajba.   L-ilment imbaghad provizorjament waqaf hemm.  Imbaghad l-konvenut beda jilmenta li l-landi kienu imsadda u kien ghalhekk li talbu sabiex jispezzjona l-merkanzija li kien kkonsenjalu.

Meta mar fil-lok indikat lilu gewwa il-Madliena sab li kienu mizmuma f'post mitluq ghall-ahhar bla twieqi u meta tidhol go fih tinduna li kien speci ta' post abbandunat.  Ghalhekk kien mar jiltaqa' ma raprezentant tal-konvenut u qallu li huwa ma kellux kontroll fuq dak li kienu qed ighidu. Ghalhekk kienu waslu fi ftehim li jippakkjaw l-prodott go kaxxi tal-plastik sabiex jilhqu kompromess minhabba l-kwistjoni tas-sadid u bdew jissuplixxu l-materjal mill-gdid. Huma bdew jircievu l-hlas ta' dak li kienu jissupplixxi.  Izda wara certu zmien il-konvenut rega' beda jilmenta fuq il-kwalita tal-prodott w ghalhekk mar l-Universita sabiex jottjeni certifikat dwar il-kwalita tal-prodott u fil-fatt esebixxa dan ic-certfikat li gie mmarkat bhala Dok. CSA.

Minn ezami ta' dan ic-certifikat jirrizulta li ma kien hemm l-ebda sediment fil-prodott li gie ezaminat.

Huwa kkonferma li l-ammont dovut mill-konvenut huwa dak indikat fl-avviz izda jghid li t-*tender* kien jikkoncerna eluf kbar ta' liri.

Ix-xhud ighid ukoll li maz-zmien sar jaf li il-konvenut kien jerga jaghmel *packing* hu fuq il-prodott li jkun gie konsenjat lilu fis-sens li jizvojta il-prodott mill-*packing* li jkun wasal bih u jerga jippakjah mill-gdid w ghalhekk ix-xhud sostna li m'ghandux jibqa responsabbli ghal prodott una volta dan jigi mpoggi go kontenitur iehor mhux provdut minnu u dan ghaliex m'ghandux kontroll fuqu. Ikkonferma wkoll li l-prodott konsenjat lill-konvenut ghadu fil-pussess tieghu u li hlas dwaru m'irceviex. Ikkonferma wkoll li huma ghadhom jissupplixxu dan l-istess prodott lid-Dipartimenti tal-Gvern zghar u lill-klinici privata.

**Anna Debattista** Direttur tas-Servizzi Farmacewtici tal-Gvern xehdet permezz ta' affidavit li jinsab inserit fl-atti a fol. 47. Hija kkonfermat li fis-sittax (16) t'April 1997 il-konvenut kien hareg kuntratt favur is-socjeta attrici ghall-provista ta' ISOPROPYL ALCOHOL 70% kif kien specifikat. L-ewwel kunsinna kienet intalbet fis-sittax (16) ta' Mejju 1997. Qalet li tul l-kuntratt kien hemm diversi okkazzjoniiet meta l-prodott ma kienx accettabli.

L-ewwel darba kien f'Settembru 1998. Spjegat li meta gew miftuhin il-kontenituri li l-prodott gie mwassal fihom sabiex jitferra f'volumi izghar qabel ma jigi mqassam, mill-ewwel bdew jitfaccaw diversi partikoli bhal frak tal-hadid, bicciet tal-karti u sahansitra fibri tax-xaghar. Sussegwentement il-prodott ma kienx ghadda mill-analizi fil-PULIC HEALTH LABORATORIES (Dok. A esebit a fol 50).

Illi s-socjeta attrici accettat sabiex tbiddel l-konsenja B.N 710108 izda it-tieni konsenja wkoll m'ghaddietx minn dan il-laboratorju (Dok. B a fol 51). Spjegat li kien hemm korrosipondenza shiha bejn il-partijiet w is-socjeta attrici

regghet bidlet l-konsenja u din id-darba ma kien hemm problemi dwarha.

Gara illi l-konsenja li waslet bejn Settembru u Ottubru 1999 minghand is-socjeta attrici ma kienitx accettabli ghaliex regghu nstabu '*foreign particles'* u skond din ix-xhud is-socjeta attrici regghet accettat li tbiddel din il-konsenja kif effettivament ghamlet.  Tghid li wara il-kunsinni li kompliet tipprovdi s-socjeta attrici kienu ta' kwalita tajba u dan sa Dicembru 2000.

Ziedet tghid li pero iz-zewg kunsinni li twasslu mis-socjeta attrici f'Dicembru 2000 u Jannar 2001 m'ghaddewx it-*test* tal-laboratorju (vide Dok. C inserit a fol. 52) w ghaldaqstant tghid li s-socjeta attrici giet mitluba sabiex tirtira l-*istock* il-qadim.  Spjegat li l-kampjun li jigi mghoddi lill-laboratorju jittiehed minn gol-kontenitur li jkun wasal fih w ghalhekk qabel ma jitferra ghal go kontenitur iehor.

Tghid li saru diversi talbiet lis-socjeta attrici sabiex tirtira l-i*stock* li ma kienx accettabli, madankollu tghid li hija irrimpjazat l-*istock* permezz ta' *stock* gdid u qatt ma hadet l-i*stock* il-qadim lura. Spjegat ulterjorment li f'dawk ic-cirkostanzi d-Direttur tal-Kuntratti kien irrakkomanda li jekk is-socjeta attrici ma tirtirax l-i*stock* li ma kienx accettabli, d-Dipartiment kellu jiddisponi mill-kunsinna kif jidhirlu li jkun ahjar minghajr ma jsir l-ebda pagament ghal tali kunsinna.  Fil-fatt tghid li is-socjeta attrici kienet giet infurmata b'dan f'Lulju 2001. Dan nonostante is-socjeta attrici m'irtirat l-ebda *stock.*
Ikkonkludiet billi qalet li f'Jannar 2003 huma kienu ircivew struzzjonijiet sabiex ma jiddisponux mill-i*stock* minhabba azzjoni legali li kienet qed tiehu is-socjeta attrici fil-konfront taghhom.

In kontr'ezami nhar il-hamsa w ghoxrin (25) ta' Settembru ix-xhud tghid li l-konsenji li dwarhom xehdet fl-affidavit taghha, m'ghandhomx x'jaqsmu mal-hlas li qed jigi mitlub f'din il-kawza.  Ikkonfermat li kien hemm varji konsenji mis-socjeta attrici li ma kienx hemm problemi dwarhom u dawn gew imhallsa.

Mistoqsija jekk kienx ikun hemm rapprezentant tas-socjeta attrici prezenti meta l-prodott li jkun gie konsenjat lilhom jigi miftuh, ix-xhud wiegbet fin-negattiv u dan ghaliex fil-fehma taghha kienet kwistjoni *in house.* Ikkonfermat li effettivament lanqas hi ma kienet tkun prezenti salv ghal okkazjoni wahda li ma tiftakarx liema kienet.

Mistoqsija fejn kienu mizmuma dawn il-konsenji, ix-xhud tikkonferma li kienu gewwa garaxx f' Madliena, konsistenti fi tlieta u tletin kamra forma ta' *barracks*. Mistoqsija fejn jinsabu l-konsenji li dwarhom ma sarx il-hlas, ix-xhud tghid li qieghdin fil-pussess tal-konvenut jew il-Marsa jew il-Madliena. Mistoqsija kemm kien hemm bhala kwantita, x-xhud ma kienitx f'posizjoni li twiegeb, izda tghid li l-ammont seta' naqas minn dak li gie konsenjat, ghaliex uhud minnhom ikunu ntbaghatu ghall-analizi.

Fil-hmistax (15) ta'Novembru 2007 Anna Debattista regghet xehdet u qalet li *deliveries* saru tnejn u tletin minn mindu gie iffirmat il-kuntratt u kkonfermat li kien hemm kwistjonijiet fuq sitt konsenji fejn il-proodtt ma kienx accettabli u zewg konsenji fejn il-konevnut accetta parti mill-konsenja. Hija kkonfermat li kien hemm 648 *jerrycan* tal-hames litri li kienu ghadhom fil-pussess taghhom u li ma kienux accettabli ghalihom. Qalet ukoll li r-rizultat ta' l-analizi tal-*batch* in kwistjoni kien gie mibghut lilhom minghand l-Universita jindika li t-*test* kien sar fuq kampjun ta' litru u mhux hames litri w ghalhekk fil-fehma taghha, mhux il-prodott li gie ezaminat sussegwentement minnhom. Hija esebiet r-rizultat li kien gie moghti lilha mis-socjeta attrici li gie mmarkat bhala Dok. Z. Ghalhekk qalet li l-analizi li gie mibghut lilha mill-Universita kien datat ghaxra (10) ta' Dicembru 1999 filwaqt li l-konsenji li dwarhom hemm l-kwistjoni, kienu gew moghtija lil Gvern f'Dicembru 2000 u fil-bidu tas-sena 2001. L-ewwel konsenja 'n kwistjoni saret fl-erbatax (14) ta' Dicembru 2000 u t-tieni wahda fit-tnax (12) ta' Jannar 2001.

Rat in-noti ta' sottomissjoni tas-socjeta attrici pprezentata nhar is-sebgha w ghoxrin (27) ta' Dicembru 2007 u dik tal-

konvenut ipprezentata nhar it-tmintax (18) ta’ Jannar 2008.

Ikkunsidrat:

Illi f’din il-kawza s-socjeta attrici qed titlob hlas fl-ammont ta’ LM2,698.04, rapprezentanti bilanc minn somma akbar ghal zewg konsenji ta’ prodott mibjugh u konsenjat lill-konvenut fuq talba tieghu f’Dicembru 2000 u f’Jannar 2001.

Illi l-konvenut isostni fid-difiza tieghu li huwa ma hallasx l-ammont mitlub peress li l-prodott konsenjat ma kienx ta’ kwalita tajba.

Illi s-socjeta attrici resqet lil diversi xhieda sabiex jikkonfermaw li l-konsenji saru f’ Dicembru 2000 u f’Jannar 2001 u li l-hlas ma sarx. Illi dan il-fatt ma jidhirx li huwa kontestat. Illi l-konvenut m’ghamel l-ebda kontr’ezami tax-xhieda tas-socjeta attrici w ghalhekk ghandu jitqies li dak li qalu bil-gurament, huwa minnu.

Jirrizulta li is-socjeta attrici kienet sahansitra anke pprezentat zewg ittri ufficcjali kontra l-konvenut ghall-hlas izda l-konvenut ghogbu ma jwegibx ghalihom u kien biss wara hames snin mid-data tal-konsenja, li ghogbu jghid li l-prodott ma kienx tal-kwalita tajba. L-atturi spjegaw li kull darba li huma ghamlu l-konsenja tal-prodott, din kienet tkun akkumpanjata b’certfikat t’awtenticita tal-prodott mahrug minn xi laboratorju. Jirrizulta li dawn ic-certifikati qatt ma gew kontestati. Jirrizulta pero li l-prodott konsenjat ma kienx jinzamm f’kundizzjoni tajba u dan ghaliex kien jinzamm f’garaxx abbandunat, tant li anke l-kontenitur kien jispicca jissadad minhabba l-elementi tax-xita w ghalhekk is-socjeta attrici kellha anke tbiddel s-sistema tal-*packing* u bdiet tikkonsenja l-prodott f’*jerrycans* tal-*plastic*. Jirrizulta ukoll li l-konvenut kien ibiddel, jiftah il-kontenitur konsenjat u ipoggi l-prodott go kontenitur iehor u dan minghajr rapprezentant tas-socjeta attrici ma tkun prezenti. L-konvenut ighid li l-prodott ma kienx ta’ kwalita tajba ghaliex meta huwa ha kampjun tal-

prodott sabiex jigi ezaminat f'laboratorju, irrizultalu li ma kienx ta' kwalita tajba ghaliex kellu xi frak.

Bir-rispett kollu is-socjeta attrici ma kellhiex kontroll fuq dan l-ezami li sar u dan ghaliex ma kienitx prezenti. Ma kellhiex l-opportunita li tara li l-kontenitur li pprovda l-konvenut kien effettivament nadif w ghalhekk seta' kien il-kaz li l-*foreign particles* gew minn go fih.

Illi jekk il-konvenut dehrlu li l-prodott ma kienx ta' kwalita tajba, messu m' accettahx u jew irritornah ghand is-socjeta attrici jew iddepozitah taht il-kustodja tal-Qorti. Ma jistax jippretendi li jzomm il-prodott allegatament mhux skond il-kwalita tajba u ma jhallasx.

Illi din il-Qorti ma taqbilx ma dak li gie rilevat mid-difiza li ghalkemm l-konvenut ighid li l-prodott ma kienx ta' kwalita tajba mhux qed jecepixxi l-eccezzjoni legali li l-oggett ma kienx tal-kwalita patwita, izda qed ighid li l-oggett konsenjat kellu difett mohbi u cioe li kellu xi frak.

Il-Qorti hija tal-fehma li l-konvenut ghalkemm mhux car f'dak li eccepixxa ried ifisser li l-oggett konsenjat ma kienx skond il-kwalita patwita u dan ai termini ta' l-Artikolu 1390 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dan l-Artikolu jiddisponi is-segwenti:-

"*Jekk il-haga li l-bejjiegh igib biex jikkunsinna ma tkunx tal-kwalita mwieghda, jew ma tkunx bhall-kampjun li fuqu l-biegh isar, ix-xerrej jista jghazel jew li jirrifjuta l-haga u jitlob id-danni jew li jircievi l-haga bi pezz anqas fuq stima ta' perit.*"

Illi pero l-Artikolu 1407 ta' l-istess Kap jipprovdi s-segwenti:-

(1) "*L-azzjoni lit miss lill-bejjiegh ghaz-zieda tal-prezz u dik li tmiss lix-xerrej ghat-tnaqqis tal-prezz , jew biex jerga lura mill-kuntratt, tintilef eghluq sentejn minn dak in-nhar tal-kuntratt*".

Dan ifisser ghalhekk, li l-konvenut kellu zmien sentejn sabiex jezercita d-dritt li kellu u fin-nuqqas li jagixxi fiz-zmien stipulate, huwa jitlef kull dritt li jressaq il-pretensjoni tieghu. Dan huwa perjodu ta' dekadenza.

Issa f'dan il-kaz jirrizulta li l-konsenji li dwarhom qed jintalab il-hlas, saru f'Dicembru 1999 u f'Jannar 2000. It-talba ghall-hlas saret diversi drabi pero kien fit-tnejn w ghoxrin (22) ta' Mejju 2005, meta s-socjeta attrici pprezentat l-kawza odjerna u l-konvenut eccepixa din l-eccezzjoni tieghu fuq imsemmija skond l-artikolu 1390 fit-tnax (12) ta' Jannar 2006 w ghalhekk hafna wara l-gheluq ta' sentejn pevist mill-ligi.

Il-Qorti ma jidhirlix f'dan il-kaz li ghandha tidhol u tiddiskuti dak li jipprovdi l-Artikolu 1390 u cioe x'kellu jghamel l-konvenut sabiex jigi ezonerat mill-hlas peress illi l-azzjoni tieghu ma tistax tirnexxi minhabba l-perijodu ta' zmien li lahaq ghadda.

**Ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi, l-Qorti, filwaqt li tastjeni li tiehu konjizzjoni tal-ewwel ecezzjoni solevata mill-konvenut stante li l-mertu taghha gie sorvolat bil-korrezzjoni li sar fl-okkju, qieghda tichad it-tieni eccezzjoni tal-konvenut u tilqa t-talba attrici.**

**L-ispejjez konnessi din il-kawza ghandhom jigu sopportati kollha mill-konvenut.**

**Bl-imghax skond il-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------